MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MIRIAM HAYMAN

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Numru. 721/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Ian Abdilla**

**VS**

**Alfred Mallia detentur tal-karta tal-identita' numru 186852M;**

## Il-Qorti;

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Alfred Mallia** li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-27 ta' Gunju, 2004 u fi zminijiet ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, ircieva minghand Joe Friggieri xi wieghda li tinghata, lilu jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, imghaxxijiet, jew xi qliegh iehor taht liema ghamla li tkun b'access minn dak illi jkun permess bil-Ligi;

2. U aktar talli fll-istess cirkostanzi hedded lil Joe Friggieri.

Rat illi fi stadju ta' interrogatorju, l-imputat wiegeb illi ma kinx hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu;

Rat ukoll il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni.

Semghet ix-xhieda tal-**Ispettur Joseph Cordina** li rcieva rapport minghand Joseph Friggieri li qallu li kien vittma ta' uzura. Semmielu fost agenti ta' din l-uzura lill-imputat. Spjega dan Friggieri lill-Ispettur, illi ta self li kellu minghand l-imputat ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm1,600.00), dan kien talbu tliet elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600.00) fi zmien xahrejn (2). Qallu dan Friggieri li Mallia kien anke heddu ghal aktar minn darba li kien ser joqtlu. Qallu li kellu anke recordings ta' dan.

Ikkonferma l-Ispettur illi kien fil-fatt kellem lill-imputat u hadlu d-debita stqarrija li ezebixxa bhala Dok AM a folio 24.

Ta' din l-istqarrija xehdet bhala xhud tal-firma **WPC 249 Marouska Debattista**.

Xehed ghal diversi drabi **Joseph Friggieri**. Qal illi sssellef minghand l-imputat is-somma ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm1,600.00) u skondtu l-ammont spicca tela' ghal tlitt elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600.00), u ma setax ihallas dan. Xehed illi minnhom lahaq hallas lill-imputat is-somma ta' tliet elef u tlitt mitt Lira Maltin (Lm3,300.00).

Spjega li fil-bidu kien issellef minghandu - l-imputat, is-somma ta' sitt mitt Lira Maltin (Lm600.00); hallsu lura f'rati ta' mitejn lira Maltin (Lm200.00) fi tliet (3) darbiet. Rega' minghandu ssellef is-somma ta' elf Lira Maltin (Lm1,000.00), u anke dawn jghid illi hallshom lura. Qal dwar l-elf u s-sitt mitt Lira Maltin (Lm1,600.00), illi dawn kellu jhallashom lill-imputat fi zmien xahrejn (2), pero wara dawk ix-xahrejn (2) l-ammont kellu jitla' ghal elfejn u mitt Lira Maltin (Lm2,100.00). Spjega illi dawn kienu kkalkulati bhala imghaxx.

Zied illi dwar dan kien ghenu l-Ispettur Bernard Zarb ghax hu kien talab l-ghajnuna tieghu.
Qal illi dan l-Ispettur kien laqqagghom u kellimhom, u anke ghamlu karta ta' kif kellu jsir il-hlas. Xehed illi kienu fil-fatt iltaqghu l-ufficju tal-Ispettur Zarb. Ghalkemm ma kinx certu dwar dan, qal illi Zarb kien tah kopja ta' din il-karta. Aktar tard pero, qal illi kien zamm kopja biss l-Ispettur u li hu kien icempillu u javzah li kien fil-fatt affettwa pagament lill-imputat. Qal illi kien ta lill-imputat is-somma ta' tlitt elef u sitt mitt Lira Maltin (Lm3,600.00), u ghalhekk kien baqaghlu jaghtieh tlitt mitt Lira Maltin (Lm300.00); u li mis-self ta' elf u sitt mitt Lira Maltin (Lm1,600.00), sakemm saret il-karta kienu ghaddew xi xahrejn u nofs (2 ½). Insista li d-differenza kienet ta' imghaxxijiet u li kien talab l-ghajnuna ta' Zarb meta bejniethom beda jinqala' hafna nkwiet. Insista li dan Zarb

kien laqqaghhom flimkien gewwa l-ufficju tieghu. Qal illi hu ffirma l-karta biss biex itawwal iz-zmien, pero zied illi Mallia lil Zarb ma kinx qallu ta' xiex kienet dovuta verament is-somma - semplicement qallu li Friggieri kellu jaghtieh il-flus. Kompla jghid illi fil-fatt kull meta hu u Mallia kienu jiltaqghu, kienu jigu kwazi fl-idejn ghax ix-xhud ma setax ilahhaq mal-pagamenti. Qal illi Mallia, meta ma jhallsux kien jaghmel ghalih u kien ikun hemm il-vjolenza; illi hu barra din il-problema kellu anke problema ta-vizzju tal-loghob u ghalhekk kien issellef flus bl-uzura. Qal illi kien is-Sur Cordina li waqqaf lill-uzuraj milli jkompli jigri warajh.

Aktar tard il-kwerelant rega' nsista fuq il-ftehim illi sar quddiem l-Ispettur Zarb bejnu u bejn l-imputat. Insista li kien Zarb illi zamm kopja ta' din biex jimmarka fuqha l-pagamenti. Zied illi hu kien tilef il-kopja tieghu meta caqlaq id-dar. Qal illi hu dwar il-pagamenti kien icempel lil Zarb u dan kien joqghod fuq il-kelma tieghu.

Meta l-Qorti gibditlu l-attenzjoni li minn dan l-Ispettur Zarb ma kien qal xejn, ix-xhud wiegeb "*Timmeraviljani!*", (folio 67).

Minn naha tieghu, **Bernard Zarb** ikkonferma li hu kien jaf lil Friggieri ghax kien ressqu (meta kien Spettur), b'akkuzi ta' frodi u misapproprijazzjoni. Qal illi lil Friggieri rah darba l-ufficju tieghu fil-presenza tas-Surgent illi kien addett mieghu. Ikkonferma pero, illi fuq ilment ta' Friggieri li kien qed jigi mhedded minn Mallia, kien baghat ghall-imputat u staqsieh jekk dan kinx minnu. Mallia kien mieghu nnega dan, pero kkonferma mal-Ispettur – dejjem skont dan ix-xhud, illi kien hassu tradut minn Friggieri ghax ma kinx raddlu lura self ta' flus. Skont Zarb, dan Friggieri kien anke cempillu bhala bank

manager (biddel lehnu), u talbu biex jissapporti ftit lill-kwerelant, anke ghax kienet mietitlu ommu. Qal illi Mallia kien infurmah illi mieghu Friggieri kien ammetta li kien ghamel dan.

Zied dan Zarb, illi dan Friggieri ghamlu anke mieghu; illi kien kellmu fuq it-telephone taparsi zijuh; qal illi dan hu kien xehdu quddiem il-Magistrat Lofaro.

Qal ukoll Zarb, illi mieghu qatt ma ssemmew interessi jew imghaxxijiet.

Dwar illi kien imita lil zijuh, spjega Zarb illi dan Friggieri kellu allegatament jaghti xi flus lil Patrick Pace. Kien suppost allura cempillu z-ziju ta’ dan Friggieri u talbu biex ma jersaqx lejn in-neputi tieghu. Qal illi wara li vverifika l-particulars ta’ dan “iz-ziju” u skopra li dawn kienu fittizji, kien baghat ghal dan Friggieri. Xehed dan Zarb, illi hawn Friggieri kien ammetta mieghu li kien hu li kien biddel lehnu u cempel lil dan l-Ispettur.

Baqa’ neganti s-Sur Zarb illi hu kien ghamel xi karta bi ftehim bejn Mallia u Friggieri; illi dan kollu kien gidba. Innega li hu rcieva jew ghadda xi pagamenti bejnet dawn it-tnejn.

Zied illi dwar din l-iskrittura - in-non-ezistenza taghha, hu kien kellem kemm lill-Ispettur Cordina kif ukoll lis-Supritendent Mamo; kif ukoll qal illi fil-fatt fl-ufficju tieghu ma kien instab xejn minn dan.
Zied illi lil Friggieri kien ressqu b’akkuzi ta’ frodi u misapproprijazzjoni; illi dan anke fl-allegazzjonijiet tieghu kien implika lill-Magistratura.

Sar fuq dawn l-allegazzjonijiet, fuq ordni ta’ din il-Qorti, konfront bejn Friggieri u Zarb. Dan sar fuq talba tad-Difiza.

Qabel dan il-konfront, in kontro ezami dan Friggieri qal illi lill-imputat kien ihallsu kontanti; illi gieli ssellef biex jaghmel dan. Zied illi hadd, cioe’ l-imputat, ma kien jaghmillu ebda ricevuta tal-hlas affettwat; illi ma kellu xejn x’juri tal-hlas illi kien ghamel lill-imputat.

Fil-konfront baqa’ jinsisti li Zarb kien laqqa’ lilu u lil Mallia, u li kien hallas lil Mallia tlitt mitt Lira Maltin (Lm300.00) f’rati mensili, u li kien issalda kollox mieghu, u li ghalhekk baqghu hbieb. Qal illi l-bicca l-kbira lil Mallia l-flus kien jaghtiehomlu wahdu. Issa pero qal illi mhux kull darba kien javza lil Zarb bil-pagamenti li kien jaghmel lil Mallia.

Zarb insista minn naha tieghu, illi Friggieri kien mieghu ghamel rapport illi certu Patrick Pace u Alfred Mallia kienu qeghdin jhedduh u jitolbuh lura l-flus li kien sellfuh. Ta’ dan kien ghamel rapporti ripetuti, u ghalkemm xehed l-Ex Spettur illi hu kien kellem kemm lil Mallia kif ukoll lil Pace, insista maghhom illi dawn kienu lanjanzi civili. Baqa’ nsistenti Zarb illi dan Friggieri anke kien cempillu u biddel lehnu, u pprova jqarraq bih - fatt dan li skont Zarb, Friggieri kien ammetta mieghu. Innega rega’ Bernard Zarb illi hu qatt dahal jew assista ghal xi arrangamenti bejn Alfred Malia u Joe Friggieri, jew bejn Patrick Pace (mhux involut f’din il-kawza) u Joseph Friggieri.

Zied Zarb illi dan Friggieri anke kien deher fuq Xarabank u qajjem din l-issue, u ghalhekk lilu – lil Zarb, kien anke baghat ghalih il-Kummissarju tal-Pulizija.

Ikkonferma pero Zarb, illi dan Friggieri kien icempillu ta' spiss u jilmenta mieghu li Patrick Pace u Alfred Mallia kienu qed idejquh. Innega pero li Friggieri kien cempillu biex jikkonferma li kien ghamel ghaxar (10) pagamenti lil Alfred Mallia. Innega li mieghu Friggieri semma nteressi jew imghaxxijiet. Zied illi kieku kien hekk kien iressaq lil Mallia. Qal illi mieghu Friggieri kien jilmenta fuq it-telefonati li kien jaghmillu Mallia biex ihallsu mhux fuq imghaxxijiet.

Dwar dan kollu kien rega' xehed ukoll l-**<u>Ispettur Cordina</u>**. Tkellem dwar programm televiziv li fih deher is-Sur Friggieri, suppost mghammad, fejn dan ghamel allegazzjonijiet fuq il-Kummissarju tal-Pulizija, kif ukoll illi kien ghadda xi nformazzjoni lill-pulizija li ma agixxewx fuqha. Qal illi hu kien kellem lil Friggieri u fuq dak illi qallu kien ressaq lill-imputat odjern u persuna ohra f'kawzi separati, akkuzati b'uzura. Xehed illi xi ftit granet wara kien ircieva rapport -issa kontra Friggieri, rigward frodi u din il-persuna nfurmat ukoll lis-Sur Cordina li kienet qed tircievi telefonati minghand Magistrat A, B, C. Dan A u B, u Avukati A u B biex huwa ma jressaqx lil Friggieri u jaghtieh cans iehor. Qal illi hu kif ra n-numru ta' min kien suppost kien hekk qed icempel, gharaf li kien ta' Friggieri. Fil-fatt hu gieghel lil din il-persuna, dak li rraporta, iccempel dan in-numru, u rrisponda dan il-Magistrat. Hawn l-Ispettur ha t-telephone u kellem hu lis-Sur Friggieri. Qal illi din parti mill-istorja li kien fil-fatt xehed fuqha s-Sur Zarb, u li l-karta tal-pagament giet skreditata.

Xehed ukoll l-**<u>imputat</u>** minn jeddu, illi kien anke rrilaxxa kif gia' inghad stqarrija. Fl-istqarrija Mallia qal illi kien sellef somom ta' flus f'ammonti zghar lil Friggieri, ghax kien jaf sew lil missieru u kien jirrispettah, u dan dejjem tah flusu lura fi zmien gimgha. F'okkazjoni minnhom issa talbu s-self ta' elf

Lira Maltin (Lm1,000.00). Qal illi minhabba s-somma tkellimha ma' martu li xejn ma hadet pjacir b'dan is-self, pero jghid Mallia li thassru u tah is-somma mitluba.

Qal illi Friggieri fid-diskors kien ukoll qallu li jekk jirnexxielu n-negozju kien ser jaghtieh qliegh ta' mitejn Lira Maltin (Lm200.00). Qal Mallia li hu kull ma kellu f'mohhu li jaghmel pjacir b'rispett tal-missier. Kompla li nonostante t-trapass ta' zmien u diversi skuzi, flusu qatt ma waslu. Semma li Friggieri sa qallu li kellu missieru l-Isptar. Mallia jghid illi mar izuru u ma sabux hemm. Qal illi anke kien cempillu bank manager fuq il-mobile, jghid Mallia li meta staqsa ghal dan skopra li ma kinx jezisti. Sahansitra kien qallu li mietitlu l-mara, jgihd illi mar b'salib tal-fjuri u skopra li dan ma kinx minnu. Qal illi b'kollox lil Friggieri sellfu elfejn u mitt Lira Maltin (Lm2,100.00). Jghid illi baqa' jaghieh il-flus bil-hsieb illi jirnexxielu n-negozju u jigbor flusu. Semma' ghalhekk bejgh ta' van illi gie bil-problemi u ta' proprjeta' li ma setax isir minhabba li Friggieri ma kellu xejn tieghu.

Anke Mallia fl-istqarrija jitkellem u jghid dwar karta li saret ghand l-Ispettur Zarb biex Friggieri jibda jhallas. Qal illi Frigieri kien fil-fatt hallsu l-maggoranza tal-flus, u kien baqaghlu pendenza ta' tliet mija u hamsin Lira Maltin (Lm350.00).
Ammetta li f'rabja kien heddu anke li ser joqtlu. Innega li hu qatt semma jew talbu imghaxx. Qal illi kien ihoss illi kien gie ngannat.
Dwar it-theddid qal illi qatt ma kellu ntenzjoni li b'dan jasal x'imkien, dejjem ghax kien irrabjat u ghax kien jisma' t-tgergir tal-mara tieghu dwar is-self tal-flus.

Viva voce kkonferma dan u zied illi meta kien icempillu ghall-flusu, gieli ma rrispondix u gieli jaghmel lehen iehor. Rega’ rritjena li baghat ghalih Zarb li qallhom biex jirrangaw bejniethom. Baqa’ nsistenti li qatt ma talbu jew tah flus bhala imghaxx jew interessi.

In kontro ezami rritjena li b’kollox lil Friggieri sellfu elfejn Lira Maltin (Lm2,000.00) u li qatt ma talbu nteressi fuqhom.

Innega issa viva voce li heddu li joqtlu. Meta saritlu referenza ghall-istqarrija, dwar dan wiegeb illi kien iva ghajjat imma mhux heddu, u li fuq dawn il-flejjes kellu l-inkwiet mal-mara u fi kliemu tkissru hu u l-mara.

Ikkunsidrat:

Illi certament hawn si tratta, biex tigi determinata din il-kawza, ta’ kwistjoni ta’ kredibilita’ bejn dak illi jghid ix-xhud Mallia u dak illi qal Friggieri. Certament, a kuntrarju ta’ dak illi xehed Bernard Zarb, hemm qbil bejn l-akkuzat u Friggieri li xi ftehim quddiem l-Ispettur Zarb dak iz-zmien sar. Jekk kinx involut imghaxx illi jammonta ghal uzura huwa l-punt li jrid jigi ppruvat sal-grad li trid il-Ligi.

Frankament jekk in-negazzjoni ta’ Zarb dwar l-iskrittura hija dubbjuza, daqstant johrog dubbjuz Friggieri, mhux fuq dan, imma fuq dak li rrizulta mill-investigazzjoni li saret fil-komplessita’ ta’ dak kollu li gara.

Jaqblu Zarb, Mallia, u l-Ufficjal Prosekutur, illi Friggieri huwa persuna kemmxejn ta’ karattru dubbjuz li facilment lest illi jimplika terzi ghal skopijiet tieghu, dejjem fl-elementi pekunjarji – donnu jivvinta kif ser jehles minn

obbligazzjonijiet ta’ flejjes li jidhol fihom, anke billi jimplika terzi ghal skopijiet tieghu.

Anke jekk il-Qorti tasal biex temmen illi sar il-ftehim ta’ hlas, b’daqshekk il-Qorti m’ghandha ebda prova li dan kien qieghed jissancixxi imghaxxijiet li jirrisalu ghal uzura – konsegwentement din il-Qorti thoss illi m’ghandha ebda triq ohra hlief li tillibera lill-imputat mill-akkuzi ta’ uzura.

Tqis pero, a bazi ta’ dak illi qal a tempo vergine, anke jekk bengel l-istess viva voce, illi hu verament ghax hassu tradut u minhabba l-inkwiet illi nqalaghlu mal-mara dwar dan is-self, verament hedded lil Joseph Friggieri, u qieghda konsegwentement wara li rat l-Artikolu 339 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, stante c-cirkostanzi, taghti lil Alfred Mallia twiddiba u canfira, tenut kont tac-cirkostanzi li fihom Mallia gie mqieghed minn Friggieri.

Tordna wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija, stante l-allegazzjonijiet li saru fil-konfront Jospeh Friggieri, li jinvestiga lill-istess dwar possibilita’ ta’ gurament falz.

**Alexia Attard, Deputat Registratur**
**Ft/Magistrat Dr Miriam Hayman LL.D**

**Komunika Kummissarju tal-Pulizija**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------